# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa**
**Tmienja (8) ta' Ġunju 2022**

**Rikors Numru 377/2019 FDP**

Fl-ismijiet

**HSBC Bank Malta p.l.c**
**(C 3177)**

**Vs**

**Karl Blundell (ID 396876M)**
**u**
**Iana Simeonova Blundell (ID 120112L)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 15 ta' Arpil 2019, li permezz tiegħu s-soċjeta' rikorrenti talbet is-segwenti:

    1. *Illi in forza ta' kuntratt tad-9 ta' Ottubru 2012 fl-atti tan-Nutar Dottor John Spiteri, il-Bank attur ikkonċeda faċilità bankarja lill-konvenuti Karl Blundell u Iana Simeonova Blundell solidalment bejniethom konsistenti f'self, u dan wara sanction letter maħruġa mill-istess Bank attur datata l-24 ta' Lulju 2012 (kopja tal-kuntratt ta' self u tas-sanction letter hawn annessi u mmarkati rispettivament Dok. A u Dok B);*

    2. *Illi l-konvenuti naqsu milli jagħmlu l-pagamenti rikjesti u miftehma ai termini tas-sanction letter u għaldaqstant huma ddekadew mill-benefiċċju tat-terminu mogħti lilhom skond il-kundizzjonijiet tal-istess sanction letter u tal-kuntratt ta' self relattiv;*

3. *Illi fuq dan is-self il-konvenuti Karl Blundell u Iana Simeonova Blundell huma għalhekk debituri solidali tal-Bank attur fis-somma ta' erbgħa u sittin elf, sitt mija erbgħa u tletin Ewro u sebgħa u sebgħin ċenteżmu (€64,634.77), dovuta in kwantu għal wieħed u ħamsin elf, u wieħed u tletin Ewro u tlieta u disgħin ċenteżmu (€51,031.93) bħala bilanċ mill-kapital misluf lilhom, u r-rimanenti tlettax-il elf sitt mija u żewġ Ewro u erbgħa u tmenin ċenteżmu (€13,602.84) bħala imgħax ikkalkulat sad-9 ta' April 2019, kif jirriżulta mill-anness statement tal-kont in kwistjoni bin-numru 18078280 immarkat Dok. C, oltre l-imgħax legali ulterjuri mill-10 ta' April 2019 sad-data tal-pagament effettiv;*

4. *Illi l-konvenuti, għalkemm interpellati biex iħallsu l-ammont fuq indikat, anki permezz ta' żewġ ittri uffiċjali datati 31 ta' Lulju 2014 u 8 ta' Jannar 2018 rispettivament (annessi bħala Dok. D u E), baqgħu inadempjenti;*

5. *Illi l-konvenut Karl Blundell huwa wkoll debitur tal-bank fis-somma ta' elf, erba' mija u ħamsa u tletin Ewro u tnejn u erbgħin ċenteżmu (€1,435.42) dovuta in kwantu għal elf, mija u wieħed u disgħin Ewro u sbatax-il ċenteżmu (€1,191.17) bħala kapital fuq il-kont numru 013-201041-050 liema somma hija encroachment fuq il-kont tat-tip savings bl-istess numru, u r-rimanenti mitejn u erbgħa u erbgħin Ewro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (€244.25) bħala imgħax ikkalkulat sad-9 ta' April 2019, kif jirriżulta mill-anness statement of account immarkat Dok. F, oltre l-imgħax legali ulterjuri mill-10 ta' April 2019 sad-data tal-pagament effettiv;*

*Għaldaqstant, il-Bank esponenti jitlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni oħra neċessarja u opportuna, jogħġobha:*

*(i)* *Tiddikjara li l-konvenuti Karl Blundell u Iana Simeonova Blundell huma debituri solidali fil-konfront tal-Bank attur fis-somma ta' erbgħa u sittin elf, sitt mija u erbgħa u tletin Ewro u sebgħa u sebgħin ċenteżmu (€64,634.77) dovuta fuq il-kont bin-numru 18078280 kif fuq spjegat;*

*(ii)* *Tikkundanna lill-istess konvenuti solidalment bejniethom iħallsu lill-Bank attur l-imsemmija somma ta' erbgħa u sittin elf, sitt mija u erbgħa u tletin Ewro u sebgħa u sebgħin ċenteżmu (€64,634.77) u dan oltre l-imgħaxijiet legali bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq l-istess somma mill-10 ta' April 2019 sad-data tal-pagament effettiv a tenur tal-artiklu 1142 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta'Malta;*

*(iii)* *Tiddikjara li l-konvenut Karl Blundell huwa wkoll debitur tal-Bank attur fis-somma ta' elf erba' mija u ħamsa u tletin Ewro u tnejn u erbgħin ċenteżmu (€1,435.42) dovuta fuq il-kont bin-numru 013-201041-050 kif fuq spjegat;*

*(iv)* *Tikkundanna lill-konvenut Karl Blundell iħallas lill-Bank attur l-imsemmija somma ta' elf, erba' mija u ħamsa u tletin Ewro u tnejn u erbgħin ċenteżmu (€1,435.42) u dan oltre l-imgħaxijiet legali bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq l-istess somma mill-10 ta' April 2019*

*sad-data tal-pagament effettiv a tenur tal-artiklu 1142 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittri uffiċjali datati 31 ta' Lulju 2014 u 8 ta' Jannar 2018 - rispettivament u tal-mandat ta' sekwestru fl-istess ismijiet premessi ippreżentat kontestwalment ma' dan il-kawża, kontra l-konvenuti li huma minn issa nġunti għas-subizzjoni.*

2. Rat illi fl-1 ta' Ottubru 2019, l-intimata Iana Simeonova Blundell laqgħet għal dak mitlub billi qajjmet is-segwenti difiżi:

*Illi l-esponenti topponi għat-talbiet kollha imressqa mis-soċjeta' attriċi u dan għar-raġunijiet segwenti:*

1. *Illi fl-ewwel lok jingħad illi l-esponenti u żewġha Karl Blundell għaddejjin minn proċeduri ta' separazzjoni kontenzjużi, liema proċeduri jinsabu pendenti quddiem l-Onor. Imħallef Jacqueline Padovani Grima;*

2. *Illi fit-tieni lok, jingħad li minkejja li l-konjuġi Blundell dehru entrambi fuq l-kuntratt imsemmi mill-Bank rikorrenti, dan ġara biss stante li bejniethom sal-lum tirrenja l-komunjoni tal-akkwisti; madanakollu ser jiġi ppruvat illi l-esponent qatt ma rċeviet u/jew gawdiet mill-flejjes li l-Bank rikorrent qed jesiġi f'dil-istanza;*

3. *Illi fil-mertu, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, irid l-ewwelnett jiġi pruvat li ġew avvanzati lill-esponenti s-somom pretiżi, irid jiġi pruvat x'rata ta' imgħax kienet applikabbli għal tali somom fid-diversi perjodi tar-relazzjoni bankarja bejn is-soċjeta' attriċi u l-konvenuta u jrid jiġi ppruvat x'servizzi ġew reżi mis-soċjeta' bankarjà attriċi lill-konvenuta f'każ illi s-somma mitluba tikkomprendi fiha charges, ledger fees jew kommissjonijiet;*

4. *Illi mingħajr preġudizzju, in vista ta' l-artikoli 986(2), 1139,1142 u 1850 sa 1853 Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta, it-talbiet attriċi jinkludu somom sostanzjali ta' imgħax in eċċess mil-limitu massimu impost mil-liġi, kif ukoll imgħax kompost u charges, ledger fees u kommissjonijiet mhux dovuti li ġew miżjuda ma' l-obbligazzjonijiet prinċipali b'qerq tad-dispożizzjonijiet relattivi għall-anatoċiżmu u l-użura latenti, u li għaldaqstant għandhom jinqatgħu mill-kapital, flimkien ma' l-imgħax kompost li reġa' ġie miżjud fuqhom, ai termini ta' l-artikolu 185(2) Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

5. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost l-esponenti ma taqbilx li hija debitriċi tas-soċjeta' attriċi fl-ammont mitlub kif jista' biss jiġi ppruvat fil-mori tal-proċeduri u hemm lok fost affarijiet oħra fejn is-soċjeta' attriċi aġixxiet intempestivament għall-irkupru ta' somom avvanzati mill-bank attur;*

6. *Illi f'kull każ, it-talbiet tas-soċjeta' attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;*

7. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kollha kontra s-soċjeta' attriċi li hi minn issa nġunta in subizzjoni.*

3. Rat illi fil-25 ta' Frar 2020, Karl Blundell ġie notifikat permezz ta' affissjoni fl-indirizz tiegħu, ġewwa l-Ħamrun, kif ukoll fil-Kunsill Lokali w l-Għassa ta' Pulizija tal-Ħamrun (fol 40 tergo), fil-Gazzetta tal-Gvern tad-19 ta' Mejju 2020, fil-gazzetta In-Nazzjoni tal-1 ta' Ġunju 2020 u fil-gazzetta The Malta Independent tal-1 ta' Ġunju 2020.(fol 46)

4. Rat illi fit-8 ta' Lulju 2020, Karl Blundell, imsejjaħ diversi drabi, ma deherx, u għalhekk tqis illi huwa kontumaċi.

5. Rat l-affidavit ta' **Alexia Caruana**, Recoveries Agent mas-soċjeta' rikorrenti, ippreżentat fis-7 ta' Diċembru 2020 flimkien ma' dokumentazzjoni. (fol 61)

6. Semgħet ix-xhieda ta' l-intimata **Iana Simeonova Blundell**, prodotta mis-soċjeta' intimata u mogħtija fit-23 ta' Novembru 2021. (fol 82)

7. Rat illi fit-23 ta' Novembru 2021, il-bank rikorrenti dikkjara l-provi tiegħu magħluqin.

8. Semgħet ix-xhieda ta' **Charmaine Bugeja,** Assistent Reġistratur, prodotta mill-intimata u mogħtija fis-16 ta Frar 2022. (fol 86)

9. Rat l-affidavit ta' Iana Simeonova Blundell ippreżentat fis-16 ta' Frar 2022. (fol 133)

10. Rat id-dokumentazzjoni eżebita mir-rikorrenti, ossija is-sentenza tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) fl-ismijiet 'Iana Simeonova Blundell vs Karl Blundell' deċiża fil-25 ta' Ottubru 2021 u li tinsab res ġudikata. (fol 139)

11. Semgħet ix-xhieda ta' **Charmaine Bugeja,** Assistent Reġistratur, prodotta mill-intimata u mogħtija fil-5 ta Mejju 2022 (fol 174) kif ukoll dokumentazzjoni minnha ppreżentata.

12. Rat illi fil-5 ta' Mejju 2022, il-partijiet qablu illi l-kawża setgħet titħalla għas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

13. Jirriżulta li l-intimati Iana Simeonova Blundell u Karl Blundell iżżewġu fit-8 ta' Lulju 2011.

14. Jirriżulta illi fid-9 ta' Ottubru 2012, l-intimati solidament bejniethom daħlu f'kuntratt ta' self ta' ħamsa u ħamsin elf Euro (€55,000).

15. Jirriżulta illi, filwaqt li fil-bidu il-pagamenti fuq tali self bdew isiru regolarment, u dana sa' Marzu 2017, fejn wara waqqfu l-ħlasijiet kollha.

16. Jirriżulta illi, fl-4 ta' Diċembru 2018, permezz ta' proċeduri mibdija minn Iana Simeonova Blundell quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja), l-istess Iana Simeonova Blundell talbet, fost affarjiet oħra, s-separazzjoni personali minn Karl Blundell.

17. Jirriżulta illi, wara rikors tat-23 ta' Jannar 2019, il-komunjoni tal-akkwisti bejn il-konjuġi Blundell ġie dikjarat terminat fit-22 ta' Novembru 2019.

18. Jirriżulta illi, b'sentenza datata 25 ta' Ottubru 2021, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) laqgħet it-talba ta' Iana Simeonova Bludell għas-separazzjoni minn mar-raġel tagħha, l-intimat Karl Blundell kif ukoll ordnat, inter alia,

    *Tordna illi l-Garage bl-isem Tweety Garage 6, Triq ix-Xwieni, Marsa għandu jinbiegħ fis-suq liberu fi żmien sentejn minn meta din is-sentenza tgħaddi in ġudikat, u fin-nuqqas jinbiegħ b'liċitazzjoni. Illi r-rikavat mill-bejgħ tal-garage għandu jinqasam bejn il-partijiet b'mod ugwali. Illi pero' din il-Qorti tordna illi minn sehem l-intimat, l-attriċi għandha tiġi rifuża nofs il-ħlasijiet tal-home loan, insurance u l-ispejjeż relatati mal-condominium, dawl u ilma, u telephone li hija wettqet mit-22 ta' Novembru 2019 sad-data li din s-sentenza tgħaddi in ġudikat, u kif ukoll is-somma ta' EUR 1061.96 rappreżentati sehem l-intimat mill-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni tal-minuri, dovuti lill-attriċi skond is-sentenza tat-Tribunal għall-Affarijiet iż-Żgħar eżebita in atti.*

19. Jirriżulta illi, fl-affidavit ta' Iana Simeonova Blundell, maħluf fl-14 ta' Frar 2022, hij stqarret is-segwenti:

    *"Nixtieq ngħid illi jiena diġa' għandi l-bejgħ ta' dan il-garaxx, u diġa' pproponejt lill-Bank HSBC illi jistgħu jieħdu r-rikavat huma u jekk ikun għad fadal xi ammont nagħmel tajjeb għalih jien u dan sabiex innaddaf ismi magħhom. Jidher illi l-proposta ġenwina tiegħi ntlaqgħet mill-bank u dak li qed nistennew huwa illi jitranġa l-iżball fis-sentenza dwar l-isem tal-garaxx, jiddekorri ż-żmien tal-appell biex hekk inkun nista' nbiegħ il-garaxx biex il-loan mal-bank HSBC li hemm fuq il-garage jiġi mħallas mill-istess bejgħ."*

20. Jirriżulta illi, fl-25 ta' Frar 2022, il-korrezzjoni fuq imsemmija ġiet approvata mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja).

21. Jirriżulta illi, abbażi tal-provi prodotti, il-Qorti ma għandha ebda dubju illi t-talba tas-soċjeta' rikorrenti, kif redatta, timmerita illi tiġi akkolta, w l-eċċezzjonijiet kollha ta' l-intimata Iana Simeonova Blundell, jiġu miċħuda, filwaqt illi tifhem illi għandha takkolla l-ispejjeż kollha fuq Karl Blundell.

22. Jirriżulta, di fatti, illi Karl Blundell baqa' kontumaċi fil-proċeduri odjerni u qatt ma deher u wisq anqas ippreżenta sottomissjonijiet qabel is-sentenza ta' llum.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti**,

Wara illi rat l-atti u semgħet ix-xhieda;

Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tiċħad** l-eċċezzjonijiet ta' l-intimata Iana Simoeonova Blundell, u għalhekk;

**Tilqa'** t-talbiet kif dedotti u, konsegwentement:

**Tiddikjara** li l-konvenuti Karl Blundell u Iana Simeonova Blundell huma debituri solidali fil-konfront tal-Bank attur fis-somma ta' erbgħa u sittin elf, sitt mija u erbgħa u tletin Ewro u sebgħa u sebgħin ċenteżmu (€64,634.77) dovuta fuq il-kont bin-numru 18078280 kif fuq spjegat;

**Tikkundanna** lill-istess konvenuti solidalment bejniethom iħallsu lill-Bank attur l-imsemmija somma ta' erbgħa u sittin elf, sitt mija u erbgħa u tletin Ewro u sebgħa u sebgħin ċenteżmu (€64,634.77) u dan oltre l-imgħaxijiet legali bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq l-istess somma mill-10 ta' April 2019 sad-data tal-pagament effettiv a tenur tal-artiklu 1142 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta'Malta;

**Tiddikjara** li l-konvenut Karl Blundell huwa wkoll debitur tal-Bank attur fis-somma ta' elf, erba' mija u ħamsa u tletin Ewro u tnejn u erbgħin ċenteżmu (€1,435.42) dovuta fuq il-kont bin-numru 013-201041-050 kif fuq spjegat;

**Tikkundanna** lill-konvenut Karl Blundell iħallas lill-Bank attur l-imsemmija somma ta' elf, erba' mija u ħamsa u tletin Ewro u tnejn u erbgħin ċenteżmu (€1,435.42) u dan oltre l-imgħaxijiet legali bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq l-istess somma mill-10 ta' April 2019 sad-data tal-pagament effettiv a tenur tal-artiklu 1142 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

**L-ispejjeż legali** tas-soċjeta' rikorrenti, inklużi dawk tal-ittri uffiċjali datati 31 ta' Lulju 2014 u 8 ta' Jannar 2018 u tal-mandat ta' sekwestru fl-istess ismijiet premessi ppreżentat kontestwalment ma' dan il-kawża, kif ukoll l-ispejjeż tal-intimata Iana Simeonova Blundell għandhom ikunu a kariku esklussiv tal-intimat Karl Blundell.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Registratur**